

Dispożittiv

L-Artikolu 10(2)(g) tad-Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' April 2008 dwar ftehim ta' kreditu għall-konsumatur u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/102/KEE kif emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2011/90/UE tal-14 ta' Novembru 2011 għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li, fi ftehim ta' kreditu għall-konsum, ir-rata ta' imposta perċentwali fis-sena tkun espressa mhux b'rata unika, iżda b'medda li tirreferi għal rata minima u għal rata massima.

(¹) ĠU C 213, 24.6.2019.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tad-19 ta' Diċembru 2019 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunal Supremo - Spanja) – proċeduri kriminali kontra Oriol Junqueras Vies

(Kawża C-502/19) (¹)

(Rinvju għal deċiżjoni preliminari – Proċedura mħaffa – Dritt istituzzjonali – Ċittadin tal-Unjoni Ewropea elett fil-Parlament Ewropew minkejja li qiegħed taħt detenżjoni provviżorja fil-kuntest ta' proċedura kriminali – Artikolu 14 TUE – Kunċett ta' "membru tal-Parlament Ewropew" – Artikolu 343 TFUE – Immunitajiet neċċesarji għat-tweġi tal-missjoni tal-Unjoni – Protokoll (Nru 7) dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea – Artikolu 9 – Immunitajiet lill-membri tal-Parlament Ewropew – Immunità ta' traġġit – Immunitajiet ta' sessjonijiet – Kampijiet ta' applikazzjoni personali, ratione temporis u ratione materiae ta' dawn id-diversi immunitajiet – Tneħħija ta' immunità mill-Parlament Ewropew – Talba għat-tnejħija ta' immunità minn qorti nazzjonali – Att li jikkonċerna l-elezzjoni tar-rappreżentanti għall-Parlament Ewropew b'vot dirett universali – Artikolu 5 – Mandat – Artikolu 8 – Proċedura elettorali – Artikolu 12 – Verifika tas-setgħat tal-membri tal-Parlament Ewropew wara l-proklamazzjoni uffiċċiali tar-riżultati elettorali – Karta tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Artikolu 39(2) – Elezzjoni tal-membri tal-Parlament Ewropew b'vot dirett universali, liberu u sigriet – Dritt ta' eliġibbiltà)

(2020/C 68/14)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Qorti tar-rinviju

Tribunal Supremo

Parti fil-proċedura kriminali prinċipali

Oriol Junqueras Vies

fil-preżenza ta': Ministerio Fiscal, Abogacía del Estado, Partido político VOX

Dispożittiv

L-Artikolu 9 tal-Protokoll (Nru 7) dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea għandu jiġi interpretat fis-sens li:

- persuna li għiet uffiċjalment ipproklamata eletta fil-Parlament Ewropew meta hija kienet is-suġġett ta' miżura ta' tpoġġi taħt detenżjoni provviżorja fil-kuntest ta' proċedura għal reati kriminali serji, iżda li ma għixx awtorizzata tikkonforma ruħħha ma' ċerti rekwiżiti previsti mid-dritt intern wara tali proklamazzjoni kif ukoll li tmur il-Parlament Ewropew, sabiex tieħu sehem fl-ewwel sessjoni tiegħi, għandha titqies li tgħawdi minn immunità bis-sahħha tat-tieni paragrafu ta' dan l-artikolu;

— din l-immunità timplika t-tnejjhija ta' miżura ta' tpoġġija taħt detenżjoni provviżorja imposta fuq il-persuna kkonċernata, sabiex tkun tista' tmur il-Parlament Ewropew u hemmhekk tissodisfa l-formalitajiet meħtieġa. Madankollu, jekk il-qorti nazzjonali kompetenti tqis li din il-miżura għandha tinżamm wara l-kisba, mill-persuna msemmija, tal-kwalità ta' membru tal-Parlament Ewropew, hija għandha titlob malajr kemm jista' jkun lill-Parlament Ewropew li jneħħi l-imsemmija immunità, abbażi tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 9 tal-istess protokoll.

(¹) ĠU C 328, 30.9.2019.

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tal-4 ta' Diċembru 2019 – Ir-Repubblika tal-Polonja vs PGNiG Supply & Trading GmbH, Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża C-181/18 P) (¹)

(Appell – Artikolu 181 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Rikors għal annullament – Ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE – Ammissibbiltà – Deċiżjoni li ma tikkonċernax lir-rikorrenti la direttament u lanqas individualment – Att regolatorju – Assenza – Artikolu 130 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali – Evalwazzjoni tal-motivi fuq il-mertu – Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Dritt għal protezzjoni għidżżejjar ja effettiva u għal smiġħ xieraq – Prinċipju ta' kontradittorju – Appell manifestament inammissibbli)

(2020/C 68/15)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

Partijiet

Appellant: Ir-Repubblika tal-Polonja (rappreżentant: B. Majczyna, aġġent)

Partijiet oħra fil-proċedura: PGNiG Supply & Trading GmbH (rappreżentant: M. Jeżewski, adwokat), Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: O. Beynet u K. Herrmann, aġġenti)

Dispożittiv

- 1) L-appell huwa miċħud bħala manifestament inammissibbli.
- 2) Ir-Repubblika tal-Polonja għandha tbat l-ispejjeż rispettivi tagħha u dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.

(¹) ĠU C 152, 30.4.2018.
